# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 560/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jurgen Vella)**

**vs**

**Gennaro Filletti**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Gennaro Filletti, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 696858M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli ghan-nom u in rapprezentanza ta' Brima Ltd (C 7050) u/jew bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxi, skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta' l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, waqt spezzjoni ta' sorpriza li sehhet fil-5 ta' Marzu 2015 hanut bla isem li jinsab gewwa Valletta City Gate Arcade, jew hu jew impjegati tieghu jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom

tieghu, offra li tipprovdi servizz lill-persuna ohra u/jew esponejt ghall-bejgh oggetti waqt li kien sprovvist minn cash register fiskali u/jew kotba tar-ricevuti fiskali kif mahruga jew approvati mill-Kummissarju tat-Taxxi, u dan bi ksur tal-partiti 1,2,3 u 10 tat-Tlettax-il Skeda ta' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta' l-1998) u l-artikoli 51 u 77 (o) 81 u 82 ta' l-istess Att;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-16 ta' Dicembru, 2015 li biha sabet lill-appellant hati ta' l-imputazjoni migjuba kontra tieghu u ikkundannatu multa ta' tmien mitt Euro (€800).

Rat ir-rikors tal-appell ta' Gennaro Filletti, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fid-29 ta' Dicecmbru, 2015, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza u tilliberah mill-akkuzi dedotti kontra tieghu.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellant jillanja s-sentenza appellata bi gravami li jidher li hu dirett lejn interpretazzjoni hazina tal-ligi mill-ewwel Qorti. Dan ghalhekk jirrikjedi ezami tal-provi u cioe ta' dawk ix-xhieda li ddeponew mill-gdid quddiem il-Qorti;

2. Mill-provi akkolti jemergi illi s-socjeta' Brima Limited tiggestixxi negozju gewwa *shopping complex* konsisteni fil-bejgh ta' abbiljamenti u ghal dan il-ghan ghandha tlett fondi lkoll imissu ma' xulxin u divizi minn xulxin permezz ta' hajt divizorju, lkoll bl-entratura taghhom minn gewwa dan il-kumpless izda altrimenti ma jinfdux ma' xulxin. Waqt spezzjoni mill-Ispetturi tal-VAT, irrizulta li f'wiehed mill-hwienet ma kienx hemm *cash register* u anqas ktieb ta' ricevuti manwali. L-Ispetturi ezebew ritratti ta' dawn it-tlett ihwienet b'manekini u tabelli ta' SALE sproguti 'l barra mill-faccati izda dejjem fl-istess kuridur tal-kumpless. Jemergi illi wiehed mill-hwienet kien regolari ghal-dak li jirrigwarda l-presenza ta' *cash register*;

3. Iben l-appellant xehed illi t-tlett fondi joperaw taht isem wiehed u li dawn huma essenzjalment hanut wiehed u li fil-hanut fejn dahlu l-ispetturi ma kienx hemm *cash register* ghaliex din kienet qed tissewwa u anqas ma kien hemm ktieb tar-ricevuti manwali izda li r-ricevuta ghall-kull bejgh tinhareg minn hanut ta' magenbu u li l-entratura tal-hwienet hija fil-kumpless u mhux fit-triq. Inoltre, meta persuna jkun ghazel oggett minn hanut tista' taccedi fl-iehor u tghazel xi haga ohra minn hemm u ghalihom ma taghmel ebda differenza f'liema mill-hwienet isir il-hlas anke ghaliex in-numru tar-registrazzjoni tal-VAT huwa wiehed ghat-tlieta li huma;

4. Dwar dawn il-fatti ma jidher li hemm ebda ekwivoku. Ma hemm ebda ekwivoku ukoll dwar il-fatt illi fil-hin tal-ispezzjoni ma kien riskontrat ebda bejgh f'dan il-hanut u wisq anqas ghalhekk li kien sar xi bejgh minghajr ma kienet inghatat ricevuta fiskali kif jitlob l-artikolu 51 tal-Kap 406. Ghalhekk l-appellant ma setghax jinsab hati bi ksur ta' dan

l-artikolu. Issa kwantu l-obbligu tal-appellant li jzomm *cash register* f'kull wiehed mit-tlett fondi, li hu jqis bhala fond wiehed, huwa mehtieg ezami tal-artikolu 77(o) tal-Kapitolu 406 li jipprovdi hekk:

> **77. Kull persuna li –**
>
> **(o) tipprovdi jew toffri li tipprovdi lil persuna ohra u, jew tesponi ghall-bejgh oggetti, waqt li tkun sprovvista, fil-lok fejn tipprovdi jew toffri lil persuna ohra u, jew tesponi ghall-bejgh oggetti, minn *cash register* fiskali jew kotba tar-ricevuti fiskali kif mahrug jew approvati mill-Kummissarju – tkun hatja ta' reat ...**

5. Fil-kaz odjern, fejn dawn it-tlett fondi huma prattikament fond wiehed imissu ma' xulxin gewwa kumpless ta' hwienet, izda mhux imniffda flimkien li fihom jinbieghu biss abbiljamenti, l-prosekuzzjoni qed tinterpreta l-provvediment citat *supra* b'mod illi ghandu jkun hemm *cash register* fiskali f'kull wiehed mill-fondi. Dan naturalment ifisser illi kull darba li klijent jghazel xi haga minn wiehed mill-fondi irid ihallas ghaliha qabel jaccedi fil-fond adjacenti biex jara jekk tghogbux xi haga ohra. Il-Qorti ma taqbel xejn ma' dan ir-ragunament u tistenna mill-prosekuzzjoni, ossia mid-Dipartiment tal-VAT aktar komprensibilita' u sensittivita naturalment b'kull kaz ikun konsiderat fuq il-merti tieghu. Li kieku l-hwienet kienu stakkati minn xulxin, joperaw taht ismijiet differenti, ibieghu merci differenti jew possibilment b'faccata fuq it-triq jew fatti simili ohra, allura kien jimmerita konsiderazzjonijiet differenti, izda fil-kaz odjern huwa it-tigbid esagerat biss tal-artikolu 77 li jista' jwassal ghall-dak li tikkontendi l-prosekuzzjoni. Fil-kaz odjern, u tajjeb illi f'dan l-istadju jkun mfakkar il-monitu wisq drabi maghmul

mill-Qrati taghna illi kull kaz ghandu jkun deciz fuq il-mertu tieghu u fuq dawk il-fatti partikolari, ma jistghax jinghad li l-appellant kien **sprovvist** minn *cash register* jew ricevuti manwali fit-termini tal-artikolu 77. Ma jirrizultax li l-erarju sofra xi telf in rigward u l-fatt illi r-ricevuti kienu qed jinhargu mill-fond adjacenti munit sia bil-*cash register* kif ukoll bir-ricevuti manwali kellu jissodisfa l-indagini tad-dipartiment ghal dak li jirrigwarda ottemperament mal-ligi fic-cirkostanzi partikolari ta' dak il-hin. Dwar dan, u a skans ta' ripetizzjoni, issir referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet Il-Pulizija vs Rudolph Grima tas-26 ta' Mejju, 2016;

6. Illi ghalhekk l-ewwel Qorti ma setghetx legalment issib lill-appellant hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u ghal dawn ir-ragunijiet l-appell tieghu qed ikun akkolt, is-sentenza appellata qed tkun imhassra u konsegwentement l-appellant qed ikun liberat minn kull htija u piena.